

Il-Ħamis 12 ta' Diċembru 2013

P7_TA(2013)0593

L-appell għal impenn vinkolanti u li jitkejjel kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa fl-UE**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar l-appell għal impenn vinkolanti u li jitkejjel kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa fl-UE (2013/2963(RSP))**

(2016/C 468/20)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa (COM(2012)0722),
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu lill-pajjiżi terzi biex japplikaw standards minimi ta' governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 dwar mezzi konkreti li jsaħħu l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa inkluż f'dak li jirrigwarda lil pajjiżi terzi (COM(2012)0351),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2013 dwar "Il-ġlieda kontra l-Frodi Fiskali, l-Evażjoni Fiskali u r-Rifuġji Fiskali" ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2012 dwar l-appell għal modi konkreti biex jiġu miġġielda l-frodi fiskali u l-evażjoni fiskali ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet u r-rapport tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Ġunju 2012 dwar kwistjonijiet ta' taxxa,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Ecofin tal-14 ta' Mejju 2013 dwar l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20 maħruġa wara s-Summit ta' San Pietruburgu tal-5 u s-6 ta' Settembru 2013,
 - wara li kkunsidra l-istqarrija maħruġa wara l-Laqgħa tal-Ministri tal-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 li saret f'Moska fil-15 u s-16 ta' Frar 2013,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-2013 tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi bl-isem "Addressing Base Erosion and Profit Shifting" (L-Indirizzar tal-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profit),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi kull sena fl-UE jintilef l-ammont stmat ta' EUR 1 000 biljun fi dħul ta' taxxa potenzjali minħabba l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa, mingħajr ma jittieħdu miżuri xierqa bħala rispons;
- B. billi l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa huma attività illegali ta' evażjoni tat-taxxa dovuta, filwaqt li l-evitar tat-taxxa huwa l-użu legali tar-reġim tat-taxxa biex titnaqqas jew tiġi evitata t-taxxa dovuta, li kultant iwassal għal pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, li tikkonsisti f'li wieħed jieħu vantaġġ mit-teknikalitajiet ta' sistema fiskali jew mid-diskrepanzi bejn żewġ sistemi fiskali jew aktar bl-iskop ta' tnaqqis fit-taxxa dovuta;
- C. billi l-armonizzazzjoni tal-bażi tat-taxxa bejn l-Istati Membri biss tista' tipprevjeni l-evitar tat-taxxa;

⁽¹⁾ ĠU L 338, 12.12.2012, p. 41.⁽²⁾ ĠU L 338, 12.12.2012, p. 37.⁽³⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0205.⁽⁴⁾ ĠU C 258 E, 7.9.2013, p. 53.

Il-Ħamis 12 ta' Diċembru 2013

- D. billi ż-żidiet fil-potenzjal tad-dħul jistgħu jpoġġu lill-Istati Membri f'qagħda aħjar biex jibbilanċjaw il-baġits tagħhom u jżidu l-fondi disponibbli għall-promozzjoni tal-investment, it-tkabbir u l-impjieg, li huma fatturi soċjoekonomiċi kruċjali għal strateġija sostenibbli tal-UE għall-ħruġ mill-kriżi;
- E. billi l-kobor tal-evażjoni u l-evitar tat-taxxa jdgħajef il-fiduċja taċ-ċittadini fil-ġustizzja u l-leġittimità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u s-sistemi tat-taxxa tagħhom;
- F. billi miżuri nazzjonali unilaterali f'ħafna każijiet ma kinux effettivi u ma kinux biżżejjed, u b'hekk inħasset il-ħtieġa ta' approċċ koordinat u pluridimensjonali bbażat fuq strateġiji u miri tanġibbli fil-livell nazzjonali, tal-UE u internazzjonali;
- G. billi l-konsolidazzjoni fiskali titlob sforzi kemm min-naħa tad-dħul, kif ukoll tal-infiq tal-baġits pubbliċi; billi bilanċ xieraq bejn bażijiet tat-taxxa u rati tat-taxxa huwa essenzjali sabiex jiżgura stabbiltà fiskali u kompetittività fil-livell nazzjonali u tal-UE;
1. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill huma lesti li jindirizzaw il-kwistjoni tad-distakk fiskali fl-Ewropa billi, fost affarijiet oħra, jiffukaw fuq l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;
 2. Jilqa' l-proposti riċenti tal-Kummissjoni biex testendi l-iskambju ta' informazzjoni awtomatiku, tiġġieled kontra l-frodi tal-VAT u temenda d-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u dawk Sussidjarji, li huma mfassla biex inaqqsu l-evitar tat-taxxa fl-Ewropa billi jneħħu l-lakuni legali li kienu qed jintużaw minn ċerti kumpaniji biex jaħarbu milli jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' kontribuzzjonijiet fiskali;
 3. Ifakkar fl-appell urġenti tiegħu lill-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom għal mira ambizzjuża iżda realistika li sal-2020 id-distakk fiskali jitnaqqas bin-nofs;
 4. Jinsisti li fil-perjodu attwali tal-irkupru mill-kriżi, il-miri tanġibbli u l-impenn veru għall-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa billi jiġi eliminat id-distakk fiskali jista' jiġġenera żieda ferm b'żonnjuża fi dħul tat-taxxa billi tiġi rkuprata taxxa dovuta;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni tnedi studju dwar l-indikaturi possibbli li jikkostitwixxu bażi għat-tnaqqis tal-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa u, jekk xieraq, tistabbilixxi sett ta' indikaturi standard għall-kejl tal-evażjoni u l-evitar tat-taxxa;
 6. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi sett ta' miri tanġibbli għat-tnaqqis tad-distakk fiskali fil-livell Ewropew u nazzjonali, fejn il-mira ewlenija tkun it-tnaqqis tad-distakk fiskali sal-2020;
 7. Jissuġġerixxi li dawn il-miri jiġu inkorporati fl-istrateġija tal-Ewropa 2020, jekk ikun xieraq, u jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk jistgħux jingħataw rwol ċar fl-ambitu tas-Semestru Ewropew;
 8. Jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, teżamina wkoll jekk il-programmi nazzjonali ta' riforma u l-programmi ta' stabbiltà u konverġenza jistgħux jiġu estiżi billi jinkorporaw dawn il-miri u l-miżuri, sabiex jinkiseb it-tnaqqis meħtieġ fid-distakk fiskali;
 9. Jenfasizza li hemm ħtieġa urġenti għal koordinazzjoni aħjar u li spinta komuni biex tnaqqas il-lakuna tat-taxxa tista' tagħti sustanza lit-talbiet tal-Kunsill għal impenn biex ikunu miġġielda l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa.
 10. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-progress li sar fl-UE u globalment fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, u tippubblika eżempji tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam fil-websajt tagħha;
 11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.